MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Talba Numru. 233/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Pace (ID: 232069 M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Pace**

**Vs**

**Caroline Attard (ID: 9075 M)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ mija u disa’ liri Maltin u hames centezmi (Lm109.05c) rapprezentanti danni kkagunati f’incident awtomobilistiku tal-15 ta’ Marzu, 2004 fi Triq Tal-Barrani, Zejtun, bejn il-vettura bin-numru KBD 918 misjuqa mill-konvenuta, u l-vettura numru IAS 047 misjuqa minn u proprjeta’ ta’ l-assikurat tas-socjeta’ attrici, liema vettura

kienet assikurata taht polza *comprehensive* mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Interpellata sabiex thallas permezz ta' Ittra Ufficjali datata 18 t'Ottubru, 2004, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

L-ammont mitlub jinkludi wkoll hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) *excess* imhallsa mill-assikurat tas-socjeta' attrici, Joseph Pace, li kien assikurat taht polza *comprehensive* mas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tat-18 t'Ottubru, 2004, u ta' l-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, u bl-imghax pagabbli mit-18 t'Ottubru, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-4 t'April, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------